**67. Il-Ministru tax-Xogħlijiet, l-Onor Karmenu Vella, jipproponi:**

Billi huwa maħsub fl-artikolu 14 ta' l-Att tal-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini li l-Ministru li jaġixxi fuq policy approvata b'riżoluzzjoni tal-Kamra jista' jawtorizza li jinbena bini fuq Art sitwata barra Area għall-Iżvilupp tal-Bini fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi (a) sa (f) ta' dak l-artikolu;

U billi l-policy illi qegħda tiġi proposta għall-approvazzjoni tal-Kamra hija dik miġbura fid-dokument anness ma' din ir-riżoluzzjoni;

GĦalhekk huwa b'dan riżolut illi l-Kamra tad-Deputati tapprova l-policy miġbura fid-dokument hawn anness għall-finijiet u effetti kollha ta' l-artikolu 14 ta' l-Att ta' l-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini u għal kull għan ieħor ta' l-istess Att.

09.03.1983

**L-Onor. Karmenu Vella ressaq din l-emenda:**

“Fl-anness tal-mozzjoni:

(a) minflok il-kliem "fuq triq, sqaq jew mogħdija" fil-paragrafu (B) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "fuq triq jew sqaq";

(b) fit-tarf tas-sezzjonijiet D u E għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem li ġejjin:

"Dan il-bini ma jkunx jista' jakkomoda aktar minn żewġ familji".”

**Il-mozzjoni, kif emendata, għaddiet nem.con. fis-seduta 91 tad-9 ta’ Marzu 1983.**